# Villa Lija

*Ta'* Marju Agius

Raħal ċkejkuni b'ward u siġar għani,
Ħadrani dejjem, fir-rebbiegħa jsaħħar :
Donnu għarusa b'żahar kbir bajdani:
Għail-arja tajba minn kulħadd imfaħħar.
Raħal tal-ġonna, fejn laring ħamrani
U l-mandurina lewn id-deheb fl-aħħar
Xhur tal-ħarifa, b'lumi wkoll safrani,
Iżejnu l-ġnien sa żmien tax-xitwa mwaħħar
Raħal ta' skiet, ifewwaħ b'ward u żahar
Knisja ġmiel f'nofsu tal-Feddej ħanin,
B'vilel u ġonna bil-ħitan kennija :
Fejn bogħod mill-biża' ta' xtajtiet il-baħar
In-Nobbli u Kavalieri għammru s-snin :
Mill-Kurja u nies imsejjaħ Villa Lija !